*- LEGAT TA' GHODDA-*

*- ONERU TA' PROVA -*

*-APPREZZAMENT TAL-PROVI-*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' April 2001.**

**Kawza Numru. 14**
**Citaz. Numru. 185/94/RCP.**

**Emanuel Aquilina**

**vs**

**Antonia Mizzi**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-attur huwa l-propietarju ta' bosta bicciet ta' ghodda u ngenji tar-raba li kienu gew imhollija lilu b'legat mill-mejjet Pawlu Mifsud li miet fl-14 ta' Settembru 1991 u dan skond ma jirrizulta mit-testment tat-23 ta' Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino.

Illi l-konvenuta b'mod abbuziv u llegali qabdet u mmisapproprijat ghaliha uhud mill-imsemmija ghodda u ngenji u appuntu mutur tal-bexx, mohriet, imghazaq, furkettun, karrettun, xedd, sikka tal-mutur iz-zghir, imwiegeb, romblu tal-imsiefer, zewg xatbiet, midra.

Illi in oltre, il-konvenuta mmisapproprijat ghaliha, silla, tiben u patata propieta' tal-attur, liema oggetti gew mibjugha minnha u zammet il-flus ghaliha.

Illi l-konvenuta giet interpellata bosta drabi biex tirristitwixxi l-effetti mehuda minnha izda inutilment.

L-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuta mmisapproprijat ghaliha certu ghodda u ngenji tar-raba', kif ukoll silla, tiben u patata partinenti lill-attur.

2. Tillikwida l-valur tal-istess okkorrendo n-nomina ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenuta sabiex immedjatament tirristitwixxi l-effetti fuq imsemmija lill-attur.

4. Tikkundanna l-konvenuta li *caso mai* li l-effetti ma ghadhomx fil-pussess taghha, thallas lill-attur il-valur taghhom li jkun gie likwidat skond it-tieni talba.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-28 ta’ Marzu 1994, a fol 11 tal-process, fejn ecceppiet:

1. Fl-ewwel lok illi l-gudizzju mhux integru billi l-eccepjenti mhiex l-unika werrieta;

2. Illi l-attur irid ukoll jipprova illi t-testment huwa vinkolanti;

3. Fil-meritu t-talbiet tal-attur in-kwantu diretti ghall-bcejjec ta' ghodda u ingenji huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi m’hemm xejn dovut lill-attur;

4. Illi in-kwantu t-talba hija diretta ghall-likwidazzjoni ta’ silla, tiben u patata din ukoll hija nfondata fil-

fatt u fid-dritt billi l-attur qatt ma kien proprjetarju tal-istess.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol 12 tal-process.

Rat il-verbali tat-13 ta' Gunju 1994, fejn Dr Herrera ddikjara li fic-citazzjoni huwa ndika bi zball it-testment tal-14 ta' Dicembru 1991 (Dok A) bhala li jikkostitwixxi t-titolu tal-attur, mentri dan it-titolu jaghtihulu testment iehor li kopja tieghu tinsab ghandu, ghalhekk huwa rriserva li jitlob korrezzjoni f'udjenza ohra meta jkun jista' jipproduci din il-kopja tat-testment. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Dicembru 1994 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-attur tat-30 ta' Awissu 1994 fejn l-attur esebixxa testment (fol 15 sa 16 tal-process).

Rat il-verbal tat-2 ta' Dicembru 1995, fejn il-kawza giet differita ghat-3 ta' Mejju 1995 ghall-provi kollha tal-attur bil-procedura tal-affidavit.

Rat ir-rikors ta' l-attur tad-9 ta' Jannar 1995 u d-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Jannar 1995 fejn irriservat li tipprovdi ulterjorment fi stadju ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-attur esebit permezz tan-nota tieghu tad-9 ta' Jannar 1995 (fol 22 tal-process).

Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 1995 fejn Dr Herrera talab li qabel il-Qorti tipprovdi fuq ir-rikors tieghu tad-9 ta' Jannar 1995, huwa jaghmel il-prova li d-*decujus* miet bit-testmenti li jinsabu esebiti a fol 6 u 15 tal-process. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Novembru.

Rat in-noti tal-attur tat-3 ta' Lulju 1995 u tat-13 ta' Lulju 1995 u d-dokumenti hemm esebiti (fol 25 sa 29 tal-process).

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 1995 fejn il-kawza giet differita ghas-16 ta' Frar 1996.

Rat ir-rikors ta' l-attur tat-22 ta' Novembru 1995 u d-digriet tal-Qorti tas-26 ta' Dicembru 1995 fejn wara li rat l-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta cahdet it-talba.

Rat in-nota tal-attur tat-8 ta' Frar 1996 fejn esebixxa xi dokumenti.

Rat il-verbali tas-16 ta' Frar 1996, tat-22 ta' April 1996 u tat-2 ta' Ottubru 1996.

Rat ir-rikors ta' l-attur tad-9 ta' Jannar 1997 u d-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Jannar 1997 fejn wara li rat l-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta cahdet it-talba.

Rat il-verbal tal-15 ta' Jannar 1997 fejn Dr David Camilleri ghall-attur talab korrezzjoni fic-citazzjoni billi l-kliem "mill-anness dokument Dok A" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "mit-testment tat-23 ta' Settembru, 1986 fl-atti tan-Nutar Dr Paul Baldacchino". Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 175 tal-Kap 12 laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kif mitluba. Il-kawza giet differita ghan-notifika tac-citazzjoni kif korretta lill-konvenuta ghas-7 t'April 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-11 ta' Marzu 1997, a fol 44 tal-process, fejn ecceppiet:

1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru billi l-eccepjenti mhiex l-unika werrieta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur irid jipprova illi t-testment huwa vinkolanti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-meritu t-talbiet tal-attur in kwantu diretti ghall-bcejjec ta' ghodda u ingenji huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi m'hemm xejn dovut lill-attur;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess in kwantu t-talba hija diretta ghall-likwidazzjoni ta' silla, tiben u patata din ukoll hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-attur qatt ma kien propjetarju tal-istess.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol 45 tal-process.

Rat il-verbali tas-7 t'April 1997 u tat-28 t'April 1997 fejn Dr Camilleri ddikjara li huwa jibqa' jsostni l-pretenzjonijiet tal-attur kif dedotti u talab li l-Qorti taghtih il-fakolta li jipprezenta l-provi tieghu bil-procedura tal-affidavit. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-attur bil-procedura tal-affidavit ghas-16 ta' Gunju 1997.

Rat il-verbal tas-16 ta' Gunju 1997, tas-26 ta' Novembru 1997 u tat-13 ta' Frar 1998 fejn Dr Camilleri ddikjara li m'ghandux provi aktar hlief li jipprezenta kopja legali tal-mandat ta' deskrizzjoni li gie esegwit fid-dar tal-konvenuta, tal-15 ta' Mejju 1998, u tal-11 ta' Novembru 1998 fejn Dr David Camilleri prezenta nota b'dokument, tal-1 ta' Frar 1999 fejn dehru biss l-attur u d-diffensur tieghu, l-konvenuta u d-diffensur taghha msejha tlett darbiet ma dehrux. Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 201 tal-Kap 12 iddifferixxiet il-kawza ghas-sentenza ghall-4 ta' Gunju 1999.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-26 ta' Frar 1999 fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u d-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Marzu 1999 fejn irriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbal tal-4 ta' Gunju 199 fejn Dr Camilleri ghall-attur iddikjara li ma jopponix ghat-talba tal-konvenuta. Il-Qorti provdiet fuq ir-rikors tal-konvenuta billi ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuta bil-procedura tal-affidavit ghall-14 ta' Jannar 2000.

Rat in-nota tal-11 ta' Jannar 2000 fejn il-konvenuta prezentat xi affidavits (fol 69 sa 71 tal-process).

Rat il-verbal tal-14 ta' Jannar 2000 fejn Dr Ian Farrugia ghall-konvenuta ddikjara li wara li pprezenta l-affidavits bin-Nota tal-11 ta' Jannar 2000 hu ma ghandux provi aktar hlief li jaghmel kontro-ezami tax-xhieda tal-attur. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal tad-19 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta, tal-5 t'Ottubru 2000 u tal-24 ta' Jannar 2001 fejn il-Qorti rat ix-xhieda tal-konvenuta Antonia Mizzi, Raymond Mifsud u Emanuel Aquilina. Il-konvenuta ddikjarat li m'ghandiex provi aktar. Dr Camilleri talab li jaghmel nota. Il-Qorti ppreffiggiet terminu ta' tlettin gurnata bil-visto tal-kontro-parti u halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza saret mill-attur stante li l-istess attur qed isostni li d-decujus Pawlu Mifsud hallilu diversi ghoddod tar-raba' u wkoll il-prodott tal-istess raba, u dan in forza ta' legat bit-testment tat-23 ta' Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, liema testment jinsab esebit bhala Dokument "AB" a fol. 15 tal-process.

Illi in effetti mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess *decujus* ghamel zewg testmenti wiehed tat-2 ta' Settembru 1978 esebit bhala Dok. "A" a fol. 6 tal-process fejn halla bhala legat lill-konvenuta d-dar numru erba' fi Sqaq Numru tlieta (3) Main Street, Qrendi, bil-mobili kollha li jezistu fl-istess dar, inkluzi l-ghodda tar-raba u l-oggetti kollha *in limine intus* li kienu jezistu fid-dar tar-residenza tieghu, inkluzi deheb u flus kontanti, u l-iehor tat-23 ta' Settembru 1986 fejn halla legat tal-ghodda kollha li kellu d-*decujus* lill-attur. Illi pero' jidher li l-istess testatur ghamel diversi testmenti ohra fosthom dak imsemmi fit-tesment tat-23 ta' Settembru 1986, u cioe' tal-14 ta' Lulju 1986, u dak imsemmi fir-ricerka tal-15 ta' Gunju 1995, testment datat 18 ta' April 1989 (fol.29 u 34).

Illi ghalkemm jidher car li ma gewx esebiti t-testmenti kollha tal-istess Pawlu Mifsud, min-naha l-ohra, ghal

dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza odjerna, ma jidhirx li huwa kontradett li l-istess testatur halla l-ghodda tar-raba tieghu lill-konvenut, u fil-fatt dan huwa ammess mill-istess konvenuta fl-affidavit taghha tal-11 ta' Jannar 2000.

Illi dak li huwa kkontestat huwa li l-ghodda indikati mill-attur fl-affidavit tieghu a fol. 22 tal-process bhala appartenenti lid-*decujus,* jew ma kienux l-ghodda tieghu, jew inkella inhadu minnu, jew qatt ma kienu jezistu.

Illi mit-testment ma jidhirx li l-istess ghodda gew identifikati, u ghalhekk huwa oneru tal-attur li jipprova li l-istess ghodda kienu proprjeta' tat-testatur u mhux ta' haddiehor, u wkoll li l-istess proprjeta' giet mehuda mill-konvenuta, stante li tali allegazzjonijiet gew maghmula minnu fl-istess kawza.

Illi dwar l-ghodda issemmew is-segwenti:-

1. Zewg muturi tal-bexx, li wiehed minnhom huwa ammess li inha mill-attur, u l-iehor qed jinghad mill-konvenuta li l-istess testatur kien gia ghaddieh qabel mewtu lill-Cikku Saliba t-tifel t'ohtu, u ghalhekk ma kienx jezisti fil-garaxx fil-mument tal-mewt tal-istess testatur, b'dan li ma huwiex inkluz fl-istess legat.

2. Dwar is-sikka tal-mutur iz-zghir, din ma instabitx fil-garaxx u l-konvenuta ssostni li qatt ma kienet ghandha.

3. L-imwiegeb l-konvenuta issostni li kien taghha ghaliex kienet wirtitu minghand iz-zijiet nisa.

4. Ir-romblu tal-imsiemer irrizulta li huwa proprjeta' ta' Raymond Mifsud, u li dan kien sellfu lill-Pawlu Mifsud, u ghalhekk certament li dan ma huwiex inkluz fl-istess legat.

5. Dwar iz-zewg xatbiet, midra, u erba' imghazaq, l-konvenuta sostniet li dawn lkoll kienu proprjeta' taghha, ghaliex anke wirtet minnhom minghand l-istess zijiet taghha, ghalkemm hija issostni li xorta l-istess attur ha l-imdieri li gew imkissra mit-tfal tieghu, u wkoll l-imghazaq.

6. Rigward il-furkettun, u l-karettun, li l-attur qed jippretendi, skond l-istess konvenuta dawn inhadu mill-istess attur, u dwar dan l-istess konvenuta hija wkoll korroborata mill-istess xhud Raymond Mifsud.

7. Illi dwar l-oggetti l-ohra indikati mill-istess attur u cioe' ix-xatba tal-karettun, ix-xeghed, u l-hawt tal-gebel, dawn ukoll huma kontestati li kienu proprjeta' tal-istess *decujus*, peress li l-istess konvenuta qed issostni li x-xatba kienet ta'

> Gwakkin Mifsud, hu t-testatur, ix-xeghed u l-hawt tal-gebel, dan tal-ahhar imkisser wirtitu hija minghand iz-zijiet taghha, li taghhom kienet eredi universali.

Illi tenut kont tal-fatt li wara l-mewt tal-istess Pawlu Mifsud fl-14 ta' Settembru 1991, jidher li wara ftit l-attur mar biex jiehu l-istess affarijiet lilu imhollija, u fil-fatt kif ammess minnu ha diversi ghoddod ukoll, huwa misteru ghaliex la darba huwa sostna li dawn l-oggetti kienu tad-*decujus*, huwa stenna kwazi tlett snin u nofs sabiex fetah din il-kawza, u apparti dan ma jirrizultax li gab ebda forma ta' korroborazzjoni ghall-allegazzjonijiet tieghu, li l-ghodda minnu indikata kienet fil-fatt proprjeta' tal-istess decujus, anzi mill-provi jirrizulta li tali ghodda hija kontestata mill-konvenuta, li issostni li din kienet proprjeta' taghha ghaliex gew imhollija lilha miz-zijiet taghha.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma l-kontendenti *viva voce* fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2001, u thoss li l-versjoni tal-istess konvenuta hija hafna iktar kredibbli minn dik tal-attur, u dan apparti l-fatt li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-attur ma rnexxielux jissodisfa l-oneru ta' provi li kien jinkombi fuqu, u ghalhekk a bazi tal-provi minnu prodotti ma jirrizultax li huwa pprova l-allegazzjonijiet tieghu, la rigward il-konsistenza tal-istess ghodda, u lanqas dwar il-proprjeta' tal-istess ghodda fil-konfront tat-testatur, u

ghalhekk minhabba l-premess, it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha.

Illi jibqa' l-kaz dwar is-silla u l-patata li l-attur allega li l-istess konvenuta hadet. Fil-fatt dwar is-silla huwa sostna li kellu tlett ihmiel, u dwar il-patata sostna li kienu xtraw ghaxar xkejjer li kienu hadmu bin-nofs li bieghu ghas-safar, u li hlas taghhom permezz ta' *cheque* inha mill-konvenuta, u dan kollox skond l-affidavit tieghu tal-14 ta' Dicembru 1994.

Illi dwar dan il-konvenuta sostniet li ghalkemm hadmet ukoll ghas-silla hija, din kienet inhadet mill-attur li biegha, hlief ghal ftit li kienet taghtu lill-baghal ta' Pawlu Mifsud u wara kien hadu l-attur; u dwar il-patata sostniet li hija qatt ma sarfet *cheques* tal-istess testatur, u lanqas setghet taghmel dan, lanqas kieku riedet.

Illi f'dan il-kuntest ovvjament ma jistax jinghad li mill-provi li ressaq l-attur huwa pprova l-allegazzjonijiet tieghu, anzi jirrizulta li dawn l-allegazzjonijiet huma altru milli kontestati, u f'dan l-isfond ma jistax jinghad lanqas li l-istess attur issodisfa l-piz ta' prova ta' dak minnu allegat, u ghalhekk anke taht dan l-aspett, it-talbiet tal-istess attur ghandhom jigu respinti minhabba nuqqas ta' prova.

Illi ghalhekk in vista tal-istess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-tielet (3) u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' April 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**26 ta' April 2001**